MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2006

Avviz Numru. 376/2004

**Charles Darmanin**

**vs**

1. **Stencil Pave (Malta) Ltd**
2. **Stencil Pave Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentata mill-attur fit-13 ta’ Lulju 2004 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, li jhallsu s-somma ta’ tlett elef, mitejn u hamsin lira Maltin (Lm3,250), dovuti bhala paga bhala *project manager* ghax-xhur minn Frar sa Gunju 2004. Din il-kawza kellha ssir billi l-konvenuti njoraw kull sejha ghall-hlas maghmula.

Bl-ispejjez, kontra s-socjetajiet konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ipprezentati mis-socjetajiet konvenuti fejn eccepew:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu respinti, bl-ispejjez kontra l-attur, stante li ebda wahda mis-socjetajiet konvenuti ma hi dovuta li thallas xi arretrati ta' paga lill-attur.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

F'din il-kawza l-attur qieghed jitlob il-hlas ta' tlett elef u mitejn u hamsin lira Maltin (Lm3,250) bhala paga ta' *project manager* fil-kumpaniji konvenuti illi huwa kien waqqaf flimkien ma' Arthur Farrugia.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-ewwel kumpanija illi giet imwaqqfa kienet Stencil Pave (Malta) Limited illi kienet tkopri fil-qasam tal-kostruzzjoni u tipprovdi servizz ta' tisbih ghall-*concrete*. Is-socjeta' kellha zewg taqsimiet partikolari, dawk illi huma *direct contracts* u dawk illi huma *direct sales*. Dak ta' l-ewwel kien jirrikjedi illi l-kumpanija tipprovdi l-materjal kif ukoll in-nies sabiex ix-xoghol jigi esegwit, fejn il-kumpanija tiehu responsabbilita tax-xoghol u t-terminazzjoni tieghu. Mentri fid-*direct sales*, il-kumpanija tipprovdi biss il-materjal u l-kuntrattur jew it-terz jiehu hsieb ix-xoghol.

Jidher illi l-attur kien inkarigat fl-ewwel taqsima tal-kuntratti u kien sar ftehim illi huwa jithallas rata skond il-kuntratti illi kien igib. L-attur jghid illi huwa kien jithallas paga ta' sitt mija u hamsin lira Maltin (Lm650) fix-xahar bhala *project manager* u ghall-ahhar hames (5) xhur ma thallasx u ghalhekk qieghed jippretendi s-somma ta' tlett elef, mitejn u hamsin lira Maltin (Lm3250) kif hemm mitlub fl-avviz.

It-talba tieghu pero' hija kontrastata, kemm mix-*share holder* l-iehor Arthur Farrugia u l-*accountant* Brian Spiteri. Dan ta' l-ahhar [fol. 16] xhed illi l-attur kien irrezenja f'Gunju, 2004. Kien direttur taz-zewg kumapaniji u impjegat ma' Stencil Pave (Malta) limited, li minhabba ragunijiet interni din l-ahhar kumpanija ma baqghetx topera aktar wara l-31 ta' Dicembru, 2002 u l-attur spicca mill-impjieg maghha. Din it-terminazzjoni kienet wahda formali u giet avzata wkoll l-ETC bil-formola normali tat-terminazzjoni ta' l-impjieg [ara fol. 24].

Ghalhekk kien fadal is-socjeta' Stencil Pave Limited illi taghha l-attur kien azzjonist u direttur u baqa' jiehu hsieb il-kuntratti u kien jithallas abbazi ta' dak li kien jakkwista a beneficcju tal-kumpanija. Brian Spiteri jikkalkula illi hlas ta' l-attur kien idur fuq ic-cifra ta' sitt mija u hamsin lira Maltin (Lm650) fix-xahar. Fi Frar 2004, l-attur kien avza lil Arthur Farrugia u lil Brian Spiteri illi kien ser jemigra lejn l-Awstralja u ma gabx aktar kuntratti. Veru illi baqa' jahdem fix-xoghol illi kien ikkuntratta fir-Razzett tal-Hbiberija u xoghol iehor privat, imma dan ix-xoghol ma kienx tal-kumpanija u sa' Lulju 2004 l-attur ghamel biss elfejn lira Maltin (Lm2,000) fuq kuntratti li kien beda s-sena ta' qabel.

Arthur Farrugia jghid testwalment, « Meta gie biex isiefer, imbaghad iltqajna biex niddiskutu u naghtu valur tax-xoghol halli jithallas taghhom, kif fil-fatt ghamilna qabel ma telaq. » [fol. 22]. Arthur Farrugia kkonferma x-xhieda ta' Spiteri meta qal illi wara Frar, 2004 l-attur ma gabx aktar xoghol lill-kumpanija. Qal ukoll li t-titolu ta' *project manager* qatt ma kien jezisti maghhom u hadd mid-diretturi ma kien jiehu paga. Bejn Jannar u Frar 2004, saru hlasijiet lill-attur peress illi nhadmu fuq il-kuntratti li kien hemm pendenti mis-sena ta' qabel.

Ikkunsidrat :

Fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali, l-Qorti ssib illi x-xhieda prodotta mill-attur hija ferm fjakka. Veru illi hemm l-affidavit minnu pprezentat, pero' mhijiex

sostanzjata jew korroborata la b'dokumenti u lanqas b'xhieda ohra.

Minn naha l-ohra, x-xhieda tas-socjetajiet konvenuti kif rapprezentati minn Brian Spiteri u Arthur Farrugia, hija aktar dettaljata u korroborata bid-dokumenti necessarji. Issib ukoll illi l-verzjonijiet ta' dawn l-ahhar tnejn huma probabbli fic-cirkostanzi tal-kaz u jispjegaw fid-dettal l-operat tal-kumpaniji, il-movimenti taghhom, kif ukoll l-operat personali ta' l-attur kif ikkontribwixxa ghal dawn il-kumpaniji. Is-socjetajiet konvenuti kienu jafu hafna qabel illi l-attur kien ser isiefer definittivament minn dawn il-Gzejjer u ghalhekk kif xehdu r-rapprezentanti taghhom, fi Frar 2004 l-attur ma gabx aktar kuntratti ghall-kumpanija Stencil Pave Limited, li taghha kien ghadu direttur u azzjonist. U ghalhekk, abbazi ta' dan in-nuqqas, ma setax jiehu persentagg tax-xoghol illi kien qed igib.

Kif tajjeb osserva Arthur Farrugia a fol. 22, qabel ma telaq iltaqghu biex jaghmlu l-kontijiet u l-attur thallas. Ma jidhirx illi f'dan l-istadju hemm xi haga ohra dovuta lill-attur, ladarba huwa thallas ghall-ishma li huwa ttrasferixxa lill-terzi.

F'kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell, fit-22 ta' Novembru, 1995, fl-ismijiet <u>Joseph Rausi noe. et vs John Muscat,</u> il-Qorti qalet li ladarba kienu jezistu zewg verzjonijiet differenti li t-tnen setghu jirrizultaw li kienu veritajiet, allura l-Qorti ma setax ikollha konvinciment morali bazat fuq il-preponderanza ta' probabiltajiet. B'hekk l-unika konkluzjoni li setghet tasal ghaliha hi li l-atturi naqsu li jippruvaw it-talbiet taghhom b'mod sodisfacenti u konvincenti.

L-istess fil-kawza <u>Dr H Lenicker vs J Camilleri</u> deciza mill-Prim'Awla fil-31 ta' Mejju, 1972 fejn il-Qorti qalet, « … f `kawza civili l-attur li jallega li gratlu hsara b`tort tal-konvenut, irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx din il-prova, l-azzjoni tieghu ma jsitax ikollha ezitu favorevoli … »

F’dan il-kaz, it-tort li qed jallega li gralu l-attur huwa n-nuqqas ta’ hlas ta’ paga, allura kien jinkombi fuqu l-obbligu li jipprova illi dan il-hlas kellu jigi minghand is-socjetajiet konvenuti jew min minnhom.  Kif gia nghad, il-Qorti ma jidhrilhiex illi l-attur wassal f’dak il-grad ta’ prova sabiex il-Qorti jkollha konvinciment morali bazat fuq preponderanza ta’ probabiltajiet u ghalhekk it-talba ta’ l-attur tisthoqq li tkun michuda.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad it-talba ta’ l-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------